16 ta' Novembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

John Mifsud ne. *versus* Victor E. Borg

**Lotterija Nazzjonali — "Agent" u "Seller" — Direttur tal-Lottu Publiku — Art. 2 u 5(4) tal-Att XXVI tal-1948**

*Id-dispozizzjonijiet rilevanti tal-Liġi dwar il-Lotterija Nazzjonali, rettament valutati, juru li l-aġent nominat biex jippromwovi l-bejgħ tal-biljetti tal-lotterija fl-esteru huwa mandatarju tad-Direttur tal-Lottu Publiku. Huwa jista' jiddelega l-funzjoni tiegħu lil-terzi, imma jibqa' responsabbli għall-attijiet u ommissjonijiet tagħhom.*

*Għaldaqstant, l-aġent tal-Lotterija Nazzjonali jista' jbiegħ biljetti direttament u jista' wkoll jinkarika bil-bejgħ tal-biljetti persuna oħra; u b'hekk isir responsabbli għal kull ħaġa li ssir jew li ma tkunx saret mill-persuna li huwa jkun hekk inkarika; b'mod li l-aġent jibqa' responsabbli għall-aġir tas-"seller" esteru minnu nkarikat għall-bejgħ tal-biljetti.*

***Konsegwentement, jekk is-"seller" esteru jibghat lill-agent cheque bhala hlas tal-prezz tal-biljetti mibjugha, u l-agent jikkonsenja lid-Direttur tal-Lottu dan ic-cheque, u in segwitu dan ic-cheque jirrizulta li ma jistghax jissarraf, l-agent jibqa' tenut li jhallas lid-Direttur tal-Lottu Publiku, bhala mandant responsabbli ghall-agir tas-"seller" esteru, is-somma nvoluta f'dak ic-cheque li ma setghax jigi msarraf.***

Il-Qorti;—Rat it-talba tal-attur nomine quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati ta' Malta għall-kundanna tal-konvenut biex iħallsu s-somma ta' £3, prezz ta' biljetti tal-Lotterija tal-Gvern, mibjugħin minnu bħala aġent ta' l-istess Lotterija, appuntat taħt id-disposizzjonijiet tal-Att Nru. XXVI tal-1948, relattivament għall-estrazzjoni ta' Ġunju 1956, previja, jekk hemm bżonn, id-dikjarazzjoni li l-pagament minnu pretiż magħmul huwa invalidu, billi ċ-cheque anness (Dok. A), li huwa kkonsenja lill-attur nomine għall-istess pagament, ma ġiex onorat, għaliex nieqes mill-firma ta' min ħareġ l-istess cheque; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-30 ta' Awissu 1957, li biha ddeċediet billi laqgħet it-talba tal-attur nomine; iżda, in vista taċ-ċirkustanzi speċjali u tan-novità tal-kwistjonijiet riżoluti, ordnat li l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet; wara li kkunsidrat;

*Omissis;*

Illi l-vera kontestazzjoni bejn il-partijiet tirrigwarda l-pożizzjoni ġuridika tal-konvenut bħala Aġent tal-Lotterija vis-a-vis l-attur nomine, u r-responsabilità tiegħu bħala tali;

Illi l-liġi (Att nru. XXVI tal-1948) tagħmel distinzjoni netta bejn "agent" u "seller"; tant li hija stess tiddisponi li "agent means an individual, a body of individuals, an association or an institution, appointed to promote the sale of tickets abroad", mentri l-kelma "seller" hija definita li

tfisser "an individual, a body of individuals, an association or an institution, selected to sell tickets in Malta or abroad" (art. 2). Minn din id-distinzjoni jidher ċar li l-karatteristika differenzjali bejn "agent" u "seller" tikkonsisti filli l-ewwel wieħed għandu jservi ta' strument biex jikber il-bejgħ tal-biljetti fl-esteru, mentri t-tieni wieħed huwa dik il-persuna, fiżika jew morali, li tbiegħ hija stess u direttament dawk il-biljetti;

Illi skond l-art. 5 (1) tal-istess Att, il-Kollettur għandu jagħżel il-bejjiegħa u jaħtar aġenti dwar kull lotterija; u l-lokuzzjoni diversa adoperata mill-leġislatur rigward il-bejjiegħa u l-aġenti hija tal-akbar importanza, għaliex turi li l-bejjiegħa ma jiġux "appointed" mill-Kollettur direttament, bħal fil-każ tal-aġenti. Din id-differenza ta' lokuzzjoni ("selection" u "appointment") hija ripetuta fl-inċiż (2) tal-istess art. 5 u fl-inċiż (2) tal-art. 22 tal-Att imsemmi;

Illi l-inċiż (4) tal-imsemmi art. 5 jiddisponi li l-aġent jista' jbiegħ biljetti direttament, u jista' wkoll jinkarika lil persuni oħra bil-bejgħ tal-biljetti, u b'hekk isir responsabbli għal kull ħaġa li ssir jew li ma tkunx saret mill-persuni li jkunu hekk inkarikati; iżda meta aġent ibiegħ direttament biljetti barra minn Malta, huwa jitqies, dwar bejgħ bħal dan, bejjiegħ inkarikat għal hekk minnu nnifsu;

Illi huwa magħruf li, meta l-Kollettur jinnomina persuna bħala aġent, dan, bħala mezz biex jippromwovi l-bejgħ tal-biljetti, jimla formula appożita, li fiha jiġi minnu indikat l-isem u l-kunjom tas-"seller" esteru. Dan isir unikament biex il-Kollettur (u llum il-funzjonijiet ta' dan huma rivestiti fl-attur bħala Direttur tal-Lottu Publiku) ikun jaf min huma s-"sellers" residenti barra minn Malta. Il-premess juri wkoll li s-"sellers" ma jiġux nominati direttament mill-istess Direttur, li jaċċettahom biss wara li ismijiethom jiġu lilu sottomessi. Kif jirriżulta mill-provi mismugħa fil-kawża "John Mifsud ne. vs. Spiżjar Gaetano Farrugia", deċiża minn din il-Qorti kif presjeduta fid-19 ta'

Settembru 1953, li kienet tittratta minn punt identiku għall-preżenti, l-ismijiet tas-"sellers" esteri jiġu mniżżlin fil-formula fuq riferita għall-fini biss li jiġi aċċettat li l-istess "sellers" ma jkunux in kontatt ħlief ma' aġent wieħed. Wara skrutinju effettwat għall-istess skop, jiġu spediti lis-"sellers" esteri "booklets" ta' biljetti mill-aġent permezz tad-Direttur; u in segwitu tiġi lill-istess aġent mogħtija r-rimunerazzjoni stabbilita mill-liġi, kalkulata fuq l-ammont effettiv ta' biljetti mibjugħa. Minn dan kollu għandu jiġi deżunt li dawn is-"sellers", magħżula kif fuq intqal, għandhom jiġu ritenuti bħala inkarikati mill-aġent, li, huwa tajjeb li jiġi ripetut, l-istess liġi żżomm responsabbli "for anything done or omitted to be done by persons so delegated" (inċiż (4) art. 5);

Illi konsiderazzjonijiet oħra ta' indoli diversa jwasslu għall-istess konklużjoni; u ċjoè li s-"seller" esteru huwa delegat tal-aġent, u mhux tal-istess Direttur. Infatti, is-"seller", wara li jbiegħ il-biljetti, jibgħat flimkien mal-"proceeds" il-"counterfoils" direttament lill-aġent, li wara jwassal kollox għand id-Direttur. Kieku s-"seller" esteru kellu biss relazzjonijiet mad-Direttur, u l-aġent kien sempliċi intermedjarju bl-inkariku uniku li jikkomunika biss l-ismijiet tas-"sellers", kieku ma kienx ikun hemm raġuni biex ir-rimessa tal-"proceeds" ma ssirx direttament lill-istess Direttur. Ma jistgħax jiġi obbjettat li dan isir biex l-aġent ikun jaf l-ammont tar-rimunerazzjoni lilu dovut; għaliex dan jista' jiġi faċilment raġġunt b'mezzi oħra;

Illi f'diversi artikoli oħra tal-Att ċitat jingħad li l-aġent għandu jiddepożita d-dħul ("proceeds") — artikoli 9 inċiż (1) u (2), 10 inċiż (1), u 20;

Illi mill-artikoli ċitati, u mill-kumpless tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Att XXVI tal-1948, huwa evidenti li bil-kelma "proceeds" il-leġislatur ried jifhem il-flus korrispondenti għall-valur tal-biljetti mibjugħa, b'deduzzjoni ta' ċerta perċentwali fissata mill-liġi. U tabilħaqq, l-artikolu

20 testwalment jghid:— "Kull bejjiegh jew agent, li ma jhallasx jew ma jibghatx ghand il-Kollettur id-dhul nett li jkun dahhal mill-bejgh tal-biljetti......" L-istess fl-art. 9 (3) huwa kontemplat il-każ ta' depożitu ta' biljetti akkompanjat bi "proceeds" anqas minn dak legali;

Ikkunsidrat;

Illi anki kieku kellha tiġi akkolta t-teżi tal-konvenut, li ċjoè huwa adempixxa l-obligi kollha tieghu malli kkonsenja ċ-cheque in kwistjoni, il-konvenut jibqa' dejjem responsabbli, peress li, kif huwa paċifiku bejn il-partijiet, hlas ma sarx ghax iċ-cheque ma ġiex onorat; u ta' dan in-nuqqas tas-"seller", li ċertament ghandu jhallas tal-biljetti minnu mibjugha, jirrispondi l-aġent, ċjoè l-konvenut, in bażi ghall-art. 5 (3) fuq riportat, li bil-kliem wisq ċar tieghu ma jhalli ebda dubju in propożitu;

Illi l-karattru ġuridiku tal-aġent u tas-"seller", u r-responsabilità tal-wiehed u l-iehor di fronti ghad-Direttur, ma tiġix alterata bil-fatt li l-"official receipt" tal-"proceeds" tinbghat f'lista preparata mill-istess Direttur u mill-fatt li ċ-cheque jew titolu iehor li jirrappreżenta l-flus isir f'isem l-istess Direttur, peress li, kif rilevat fl-imsemmija sentenza "Mifsud ne. vs. Farrugia", dawn jikkostitwixxu miżuri ta' indoli purament amministrativa ghall-akbar speditezza relativament ghal kull lotterija;

Illi lanqas jista' jinghad li l-attur imissu ma aċċettax iċ-cheque "de quo" ladarba ma kienx iffirmat mit-traent, u li bl-aċċettazzjoni tal-istess cheque ir-responsabilità tal-konvenut spiċċat. Kif ghallmet il-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċjali) fil-kawża "Gio Batta Delia vs. Edgar Staines ne.", deċiża fit-28 ta' Marzu 1941 (Vol. XXXI-I-431), il-kreditur ghandu dritt jirrifjuta li jaċċetta dak kollu li ma huwiex offerta valida u legali bhala hlas tad-dejn versu lejh, u ghalhekk mhux obligat li jaċċetta cheque bhala pagament, peress li ċ-cheque mhuwiex offerta legali bhala pa-

gament, ammenokkè ma jkunx hemm ftehim f'dak is-sens; u li kwalunkwe każ, kwalunkwe pagament, meta ma jkunx magħmul bi flus skond il-liġi, huwa pagament kondizzjonat, fis-sens li ċ-cheque jkun onorat mal-preżentazzjoni tiegħu. Prinċipju ieħor importanti huwa dak affermat mill-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza tal-14 ta' Diċembru 1925 in re "Tonna Bartnet vs. Izzo" (Vol. XXVI-I-365);— "Il mandatario, ricevendo il prezzo per mezzo di uno cheque su una Banca estera, sarà responsabile verso il mandante se lo cheque ritorna disonorato";

Illi l-istess konvenut xehed li huwa bagħat lid-Direttur iċ-cheque "de quo" qabel Ġunju 1956, peress li kien jirrappreżenta valur ta' biljetti mibjugħa u emessi għall-lotterija miżmuma f'dak ix-xahar. Żied jgħid li jidhirlu li huwa jaf li mhux biss hija meħtieġa l-firma tad-"drawer", iżda wkoll fejn fuq iċ-cheque dan għandu jiffirma;

Illi huwa veru li, skond id-depożizzjoni tal-konvenut mhux kontradetta, l-attur kitiblu l-ewwel darba dwar dan iċ-cheque f'Novembru 1956, u dan huwa preżumibilment dovut għall-fatt li d-Dipartiment ma jivversax iċ-cheques fil-Bank kull meta jirċevihom minn għand l-aġenti, peress li proċedura simili ovvjament timporta xogħol żejjed u telf ta' żmien, iżda meta jkunu qegħdin isiru l-konteġġi finali relattivi għall-lotterija preċedenti;

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li ma għandhiex għalfejn tindaga jekk kienx hemm da parti tal-attur xi negliġenza jew traskuraġni oħra; liema eżami huwa wkoll superfluwu għal dak li għamel il-konvenut, peress li l-liġi, fl-art. 5 inċ ż (4), bosta drabi ċitat, takkolla espliċitament kull responsabilità għall-mankanzi tas-"seller" fuq l-aġent; "responsible for anything done or omitted to be done"; u huwa evidenti li s-"seller" huwa ħati ta' nuqqas elementari meta bagħat lill-aġent cheque mhux iffirmat, li kwindi ma seta qatt jiġi konvertit fi flus. Quddiem dan il-preċett kategoriku tal-liġi ma jistgħax jiġi mħaddan favorevolment għall-konvenut,

anki kieku kellu jirriżulta li huwa hekk, il-prinċipju kontenut fl-imsemmija sentenza "Delia vs. Staines ne.", li, meta ċ-cheque ma jitħallasx minħabba negliġenza tal-kreditur, id-debitur għandu jiġi kunsidrat meħlus mid-dejn;

Illi l-possibilità, ammessa mill-istess Att nru. XXVI tal-1948, li l-attur jista' f'ċerti każi jirregola ruħu direttament mas-"seller" esteru, ma tbiddelx l-aspett ġuridiku tal-kwistjoni; u dan in vista tan-norma tad-dritt li l-mandanti jista' jaġixxi tant kontra l-mandatarju direttament kemm kontra kull persuna oħra nominata jew delegata mill-istess mandatarju tiegħu;

Rat in-nota tal-appell tal-konvenut, u ċ-ċitazzjoni li biha talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-konvenut hu "aġent" taħt id-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-Lotterija tal-Gvern — Att XXVI tal-1948;

Id-dispożizzjonijiet rilevanti għal dan il-każ huma dawn: skond l-art. 2, "aġent" ifisser individwu eċċ. "appointed to promote the sale of tickets abroad"; skond l-art. 5, huwa l-Kollettur tat-Taxxi u Lottu li jagħmel dan l-appuntament; skond l-art. 6, l-aġent hu, mhux gratuwitu, imma mħallas; mbagħad, fl-art. 5 (4), jingħad:— "Aġent jista' jbiegħ biljetti direttament, u jista' wkoll jinkarika persuna oħra bil-bejgħ tal- biljetti, u b'hekk isir responsabbli għal kull ħaġa li ssir jew li ma tkunx saret mill-persuni li jkunu hekk inkarikati"; fl-aħħarnett, skond l-art. 20, l-aġent għandu l-obbligu "to remit to the Collector the nett proceeds encashed by him";

Dawn id-dispożizzjonijiet, rettament valutati, jirriżolvu

l-kwistjoni fil-veri u minimi termini tagħha. Minnhom jidher indubitat li l-aġent hu mandatarju tal-Kollettur. Jista' jiddelega l-funzjoni tiegħu lit-terzi, imma jkun responsabbli għall-attijiet jew għall-ommissjonijiet tagħhom;

F'dan il-każ, it-terz ommetta li jiffirma ċ-cheque, b'mod li l-import ta' dan ma setgħax jiġi nkassat. Din hi, bla dubju, negliġenza; għax kullħadd jaf li cheque għandu jkun firmat mit-traent jew emittent tiegħu. Din kienet ukoll ommissjoni tal-persuna delegata mill-konvenut. Mela l-konvenut għandu responsabbiltà dupliċi. Infatti bħala mandatarju, hu responsabbli għan-negliġenza tiegħu stess, li aċċetta cheque mhux debitament firmat (ara art. 1976 Kap. 23 Ediz. Riv., li jirrendi l-mandatarju responsabbli mhux biss għall-qerq, imma anki għan-negliġenza), u din in-negliġenza għandha titqies b'mod aktar rigoruż u trattandosi ta' mandatarju għall-omissjonijiet tat-terz, minnu delegat, in forza tal-art. 5 (4) fuq citat;

Għal dawn il-motivi, u dawk tas-sentenza appellata, li jibqgħu adottati;

Tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu u fil-kap tal-ispejjeż; bl-ispejjeż ta' din it-tieni istanza.